FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 26 ta' Frar 2025

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Allister Camilleri**

Każ. nru. 876/2023 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Allister Camilleri** ta' 43 sena, bin John u Concetta nee' Grima imwieled il-Pieta, nhar il-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0150180M akkużat talli:

1. Nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (17:00) u it-tmienja ta' filghaxija (20:00), f' Scentoniq, 110 Triq ix-Xatt, Tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' fwieha, liem ammont ma jeccedix is-somma ta mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Scentoniq LTD bin-numru tar-registrazzjoni C100970 u/jew persuna/i naturali u/jew guridici ohra;
2. U nakkuzawh ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-tnejn (2) u it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), f' 37, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, ikkommetta serqa ta' diversi oggetti tal-ghodda ghad-detriment ta' Anglu Agius u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur liem ammont jaccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
3. Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe fuq il-propjeta' ghad-detriment ta' Anglu Agius u/jew persuna/i ohra liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500) izda jkun izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250);

4. U talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda jew izjed minn wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu fid-digriet datat it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) mill-Qorti tal-Magistrati (Onor. Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit L.L.D.) u hekk kif varjat permezz tad-digriet datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) billi kkommetta reati ta’ natura volontarja;
5. U talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi:

i. Tipprovdi għas-sigurta tal-persuna offiża ai termini tal-artikolu 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
ii. Tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri jekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
iii. Tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta biex l-akkużat iħallas id-danni;
iv. Tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat, tarresta mill-ġdid lill-imputat kif ukoll tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garazija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat il-provi, l-atti u d-dokumenti;

Rat illi permezz tan-nota bl-artikoli datata 23 ta’ Ottubru 2024 l-Avukat Ġenerali talbet li tinstab ħtija taħt is-segwenti artikoli:

i. L-artikoli 284, 285, 286 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ;
ii. L-artikoli 261(b) (c), (e) (f), 263(a), 264(1), 266(1) (2), 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ;
iii. L-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ;
iv. L-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ;
v. L-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ;
vi. L-artikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat illi waqt is-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2024 l-imputat iddikjara li m’għandux oġġezzjoni li jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**PS1118 Joseph Bajada** xehed illi fit-3 ta’ Ottubru 2023 kienet daħlet telefonata minn ċertu Anglu Agius li qalilhom li meta mar fir-residenza tiegħu sab it-tieqa miftuħa u l-bieb ta’ fuq in-naħa ta’ ġewwa zgassat. Huwa mar fuq il-post flimkien ma’ PC491, fejn iltaqgħu ma’ Agius li beda jgħid li kienet insterqitlu xi għodda mir-residenza tiegħu.

Agius beda jgħid li x'aktarx il-ħalliel kien xi ħadd li joqgħod madwar id-dar tiegħu minħabba li min kien daħal minn naħa ta' wara, żgassa l-bieb tal-aluminju u imbagħad ħareġ mit-tieqa ta' quddiem. Mill-investigazzjoni magħmula minnhom irriżulta li kien hemm ħanut fil-qrib li kellu *cameras* tas-sigurta li jagħtu għal fuq ir-residenza ta' Agius. Mill-filmati (DOK JB1) irriżulta li fis-siegħa ta' filgħodu (01:00) persuna qabżet minn ġo tieqa tar-residenza ta' Agius u daħlet fir-residenza ta' maġenbha. Din il-persuna, wara li fetħet il-bieb tar-residenza ta' maġenb dik ta' Agius, beda jmur minn ġot-tieqa tar-residenza ta' Agius u jġorr l-affarijiet għal ġol-bieb li kien fetaħ. Minn investigazzjonijiet ulterjuri irriżulta li fir-residenza ta' fejn ġie miftuħ il-bieb kien joqgħod l-imputat, li kien diġa qed jiffirma l-għassa tal-Ħamrun rigward każijiet oħra relatati ma' serq. Huma għalhekk infurmaw lill-Ispettur li talab li ssir tfittxija iżda din irriżultat fin-negattiv. Preżenta wkoll stima tal-ħsarat li kien għaddielu Anglu Agius, immarkata bħala DOK JB2.

**In kontro-eżami** u mistoqsi jekk il-persuna li tidher fil-filmati tingħarafx wieġeb illi mill-filmati jidher li din il-persuna kellha aċċess għad-dar ta' maġenb dik ta' Agius, li fetaħ permezz ta' ċavetta li ħareġ mill-but. Mistoqsi jekk kienx instab xi zgass fuq il-post wieġeb li zgass kien hemm minn naħa ta' wara, fil-bieb tal-aluminium, u imbagħad il-persuna ħarġet minn quddiem peress li ma kienx possibli li toħroġ minn wara għax kien hemm sular għoli. Spjega li fuq in-naħa ta' wara tad-dar ta' Agius hemm bitħa interna b'ħajt ta' madwar sular jew ftit iktar, u fuq wara tagħha hemm il-bjut tad-djar l-oħra li jiġu fit-triq ta' wara. Qabel illi l-unika raġuni li waslu għall-imputat kienet għaliex mill-filmati raw il-persuna toħroġ mid-dar ta' Agius u tidħol fid-dar tal-imputat, wara li vverifikaw li ma kien sar l-ebda rapport ta' zgass fid-dar tal-imputat u wkoll li missier l-imputat ma tantx jista' joħroġ mid-dar. Ikkonferma li ħadd m'għandu aċċess għad-dar ħlief l-imputat u missieru.

**Angelo Agius** xehed illi huwa s-sid tal-proprjeta bl-indirizz 37, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa li fih qiegħed jagħmel xogħolijiet ta' rikostruzzjoni. F'Ottubru 2023 mar jagħmel rapport mal-pulizija għaliex sab għodda nieqsa, it-tieqa li tagħti għat-triq miftuħa u l-bieb tal-bitħa zgassat. Spjega li dan il-bieb kellu l-firolli ta' fuq u ta' isfel mgħawwġin biex il-bieba fissa tinfetaħ u l-bieba li tinfetaħ kienet miftuħa b'xi tip ta' *lever*, u s-serratura kienet iġġamjata għall-kollox, tant li kellu jimbarrah b'gwardarobba u bi strippi tal-injam wara li telqu l-pulizija. L-aħħar darba li daħal fil-proprjeta qabel is-serqa kien fit-2 ta' Ottubru 2023, u fit-3 ta' Ottubru 2023 irraporta s-serqa lil pulizija wara li mar filgħaxija sabiex jieħu x-xogħol u sab l-izgass u l-oġġetti nieqsa. Esebixxa lista tal-oġġetti misruqa, li ġiet immarkata bħala DOK AA1.

**In kontro-eżami** xehed illi hu qatt ma kellu xi esperjenza negattiva mal-imputat u li ma kellu l-ebda suspett f'Allister meta kienet sab l-oġġetti misruqa.

**Maria Cassano** xehdet illi hija *manager* ta' ħanut tal-fwieħa fl-isem Scentoniq, li jinsab 110, The Strand, Sliema. Dakinhar meta seħħet is-serqa fil-ħanut, u ċioe fl-20 ta' Settembru għal ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30), ma kinitx hemm pero kienet hi li għamlet ir-rapport mal-pulizija wara li ndunaw li kien hemm prodott nieqes. Hija rat il-filmat tas-sigurta u rat persuna jieħu l-prodott. Il-fwieħa li ġie nieqsa hija *Fragrance du Bois* u preżentat DOK MC1 li jindika l-prezz ta' din il-fwieħa.

**L-Ispettur Elisia Scicluna** xehdet illi fit-3 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00) il-pulizija stazzjonati fl-għassa tal-Ħamrun irċevew rapport dwar serqa ta' għodda tal-kostruzzjoni minn residenza bl-indirizz 37, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa. Il-pulizija irrikorrew fuq il-post u tkellmu mal-kwerelant Angelo Agius li qal li huwa kien ħalla xi għodda peress li kienu għaddejjin xogħolijiet ta' kostruzzjoni fil-fond u meta mar fuq il-post dakinhar filgħaxija kien innota li t-tieqa li tagħti għal fuq it-triq kienet miftuħa meta hu ma kienx ħalliha hekk, u li kien hemm ħsarat fil-bieb ta' wara li jagħti għall-bitħa interna, u kien hemm xi għodda nieqsa. Agius għalaq it-tieqa u għamel xi affarijiet mal-bieb ta' wara biex jevita li xi ħadd ieħor jidħol fir-residenza. Bħala parti mill-investigazzjoni s-Surġent ġabar filmat li juri t-triq fejn seħħ ir-reat, u f'dan il-filmat tidher persuna ħierġa mit-tieqa ta' barra tar-residenza ta' Agius u tidħol fir-residenza bin-numru 36 billi sempliċiment tiftaħ il-bieb ta' barra. Din il-persuna garret xi affarijiet mit-tieqa tar-residenza misruqa għal ġo r-residenza l-oħra. Mill-investigazzjoni rriżulta li l-imputat kien joqgħod fir-residenza bin-numru 36 flimkien ma' missieru u l-istatura tiegħu kienet taqbel ma' dik tal-persuna li tidher fil-filmat. Inħareġ mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat iżda t-tfittxija, li saret fl-14 ta' Ottubru 2023, irriżultat fin-negattiv. Fil-15 ta' Ottubru 2023 kien imbagħad irriżultalha minn tfittxija fuq is-sistema tal-pulizija li l-imputat kien indikat bħala "*wanted person"* in konnessjoni ma' serqa ta' flixkun tal-fwieħa minn ħanut li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema. L-imputat irrilaxxa stqarrija fil-15 ta' Ottubru 2023 wara li ġie infurmat dwar id-drittijiet legali tiegħu u ffirma dikjarazzjoni li kien qed jirrifjuta li jeżerċitahom (DOK ESX1 u DOK ESX2 rispettivament), u waqt din l-istqarrija, l-imputat ma weġibx għad-domandi li sarulu. Preżentat ritratt li juri l-btieħi interni tal-fondi bin-numru 36 u 37 fi Triq il-Kunċizzjoni, Marsa u tal-bieb sgassat (DOK ESX3) u filmat li ġie mgħoddi lilha mill-ħanut Scentoniq (DOK ESX4), minn fejn kienet insterqet fwieħa ta' 100ml bl-isem *Fragrance du Bois New York Intense Parfum* li tiswa €200. Preżentat ukoll vera kopja tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat permezz ta' digriet datat 18 ta' Mejju 2020 (DOK ESX6). Preżentat ukoll ir-rapport magħmul minn Angelo Agius, immarkat bħala DOK ESA1.

**In kontro-eżami** xehdet illi fil-filmat relatat mas-serqa mir-residenza fil-Marsa wiċċ il-persuna li tidher fil-filmat ma jingħarafx peress li r-reat seħħ bil-lejl, iżda l-istatura twila u rqiqa ta' din il-persuna taqbel ma' tal-imputat, u mhux ma' ta missieru li huwa kemmxejn qsajjar u mhuwiex irqiq. Żiedet li fir-rigward tas-serqa tal-fwieħa wiċċ l-imputat jidher ċar fil-filmati tas-sigurta.

**PS2251 Celianne Felice** xehdet illi fit-22 ta' Settembru kienet ġiet infurmata li għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filghodu (11:30) Maria Rita Cassar kienet marret tirraporta li kienu insterqu żewġ flixkien tal-fwieħa minn ħanut bl-isem Scentoniq li jinsab 110, Triq ix-Xatt Sliema, li wieħed kien jiswa €200 u l-ieħor €180. Fil-21 ta' Settembru l-impjegati reġgħu raw lil din il-persuna fil-ħanut għax għarfuh minn fuq il-filmanti u kkonfrontawh iżda huwa telaq il-barra. Kopja tal-filmati ġie mgħoddija lilhom u huma poġġew lil dan il-persuna fuq is-sistema tal-"wanted person."

**PC285 Luke Nikolai Fenech** xehed illi waqt li kien qiegħed fl-għassa ta' Sliema fit-22 ta' Settembru 2023 kienet marret tagħmel rapport ċertu Maria Rita li hija l-manager ta' ħanut bl-isem Scentoniq li jinsab 110, Triq ix-Xatt Sliema u li fit-2 ta' Awissu 2023 kien insteraq flixkun tal-fwieħa *Fragrance du Bois* b'valur ta' €200 u fil-21 ta' Settembru 2023 insteraq flixkun ta' fwieħa ieħor tad-ditta Clive Christian b'valur ta' €180. Fit-2 ta' Awissu 2023 l-impjegati kienu indunaw bis-serqa minn fuq il-filmati tas-sigurta u meta l-istess persuna reġa mar fil-ħanut fil-21 ta' Settembru 2023 u seraq fwieħa oħra għarfuh u kkonfrontawh iżda huwa kien telaq mill-ħanut. Din il-persuna kienet tpoġġiet fuq il-wanted list tas-sistema tal-pulizija.

**Stephanie Calafato Testa,** Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, preżentat sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Lulju 2020 u kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza (DOK SC1) u sentenza oħra mogħtija fil-konfront tal-imputat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Marzu 2020 li minnha ma kienx sar appell (DOK SC2).

**PC491 Gabriel Portelli** xehed illi fit-3 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00) kienu rċevew telefonata ġewwa l-għassa tal-Marsa li kienu nsterqu xi affarijiet minn ġewwa residenza bl-indirizz 37, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa. Hu kien irrikorra fuq il-post flimkien ma' PS1118 fejn sabu lil Angelo Agius barra. Agius qalilhom li x'ħin wasal f'din ir-residenza għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) ra t-tieqa miftuħa u x'ħin daħal ġewwa innota li l-bieb tal-bitħa kien sgassat. Sakemm waslu l-uffiċjali fuq il-post kien diġa għalaq it-tieqa u tefa` gwardarobba u mejda mal-bieb sgassat. Agius qal li kien sab neqsin *aluminium cutter* u *electric drill*.

Peress li raw li kien hemm CCTV *camera* ta' ħanut tal-ħaxix, talbu lil sid il-ħanut aċċess għalihom. Dawn il-filmati ġew elevati fl-14 ta' Ottubru 2023 u fuq il-filmat raw li għal ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (01:00) nhar it-3 ta' Ottubru 2023 raġel ta' karnaġġjon bajda qabeż mit-tieqa, daħal fir-residenza bin-numru 36, u minn hemmhekk ħa xi affarijiet minn ġot-tieqa tal-proprjeta ta' Agius u daħħalhom f'din ir-residenza. Irriżulta li f'din ir-residenza kien joqgħod l-imputat li kien magħruf magħhom għaliex kien diġa jiffirma ġewwa l-għassa tal-Ħamrun fuq każ ieħor.

**In kontro-eżami** u mistoqsi kif preservaw ix-xena tad-delitt wieġeb lil Agius kien diġa mess kollox peress li tefa l-għamara biex jimbarra l-bieb sgassat. Mistoqsi kif seta` jgħid li l-persuna fil-filmat hija ta' karnaġġon abjad meta l-filmat huwa *black and white* wieġeb illi fuq il-*camera* kien hemm bozza tat-triq u għalhekk seta` jinnota li l-persuna kienet ta' karnaġġon abjad, u żied li fil-bqija l-wiċċ ma jintgħarafx.

**L-Ispettur Lydon Zammit** ikkonferma li d-dokument a *fol* 93 tal-atti juri l-kundizzjonijiet li ġew imposti fuq l-imputat permezz ta' digriet għall-ħelsien mill-arrest data 18 ta' Mejju 2020. Ikkonferma li dan il-każ għadu pendenti, u kkonferma wkoll il-varjazzjonijiet fil-kundizzjonijiet li wkoll jirriżultaw mill-atti a *fol* 95.

**In kontro-eżami** xehed illi l-imputat kien għamel żmien joqgħod f'*shelter* għal *homeless* imbagħad mar jgħix ma' missieru il-Marsa.

**PC 984 Kurt Sunes** xehed illi fl-14 ta' Ottubru 2023, waqt li kien l-għassa tal-Ħamrun, l-imputat kien mar l-għassa biex jiffirma u minħabba li kien mandat ta' arrest in vigore fil-konfront tiegħu huwa kien informa lill-Ispettur Scicluna. L-Ispetter Scicluna kienet infurmat lill-imputat bir-raġuni tal-arrest u bid-drittijiet tiegħu, u kienu marru mal-imputat fir-residenza tiegħu ġewwa 36, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa biex issir tfittxija għal *electric drill* u *aluminium cutter*, li rriżultat fin-negattiv. Minn hemmhekk l-imputat ittieħed l-isptar għaliex kien qed iħossu aġitat.

**PC146 Kelsey Fenech** xehdet li fl-14 ta' Ottubru 2023 kien inħareġ manadat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat u hija kienet marret flimkien ma' PC103 u PC984 ġewwa 36, Triq il-Kunċizzjoni Marsa, biex tiġi esegwita it-tfittxija għal *aluminium cutter* u *electric* drill, li rriżultat fin-negattiv. L-imputat kien preżenti waqt it-tfittxija u minn hemm ittieħed l-isptar għaliex kien qed iħossu aġitat.

**PC103 Clivert Falzon** xehed illi fl-14 ta' Ottubru 2023 kien inħareġ mandat t' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat, u l-imputat kien ġie arrestat dakinhar stess mill-Ispettur Elisia Scicluna meta mar l-għassa biex jiffirma. Dakinhar ġiet esegwita wkoll it-tfittxija

ġewwa 36, Triq il-Kunċizzjoni Marsa, għal *aluminium cutter* u *electric* drill, li rriżultat fin-negattiv. L-imputat kien preżenti waqt it-tfittxija u minn hemm ittieħed l-isptar għaliex kien qed iħossu aġitat.

**Jonathan Mizzi** xehed illi huwa kien ġie nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' digriet datat 9 ta' Novembru 2023 biex joħroġ stills minn filmat immarkat bħala DOK JB1. Dan l-inkarigu ġie estiż fit-13 ta' Marzu 2024 biex joħroġ stills minn filmat immarkat bħala DOK ESX4. Huwa preżenta kopja tar-rapport tiegħu, immarkat bħala DOK JM1.

**Aydalai Yohara Obregon Medina** xehdet illi hija kienet taħdem bħala *Sales Assistant* f'ħanut bl-isem Scentoniq f'Ta' Sliema. Waqt li kienet qed tnaddaf l-ixaffef ta' quddiem il-bieb indunat li kien hemm nieqes flixkun fwieħa li kien jiswa ċirka €200 – €250, tad-ditta *Fragrance du Bois*. Spjegat li filgħodu kien hemm tmien flixkien fuq l-iskaffa, iżda meta marret biex tnaddaf sabet sebgħa. Mistoqsiha jekk tiftakarx id-data u l-ħin qalet li mhijiex ċerta iżda taħseb li x-xahar kien Settembru jew Ottubru 2023 u l-ħin kien bejn il-ħamsa ta' filgħaxija u l-ħamsa u nofs neqsin ħamsa ta' filgħaxija (17:00 – 17:25). Hija tkellmet mal-*manager* tagħha Maria Cassano, li kienet iċċekjat il-filmati tas-sigurta, ikkonfermat li kien hemm flixkun tal-fwieħa nieqes u bagħtet ritratt tal-persuna li deher jisraq il-fwieħa fuq il-*grupp* tagħhom ta' Whatsapp biex jagħruf jekk jerġa jmur lura. Spjegat li hija wkoll kienet rat dan il-filmat u rat li fih kien jidher raġel li kien daħal waqt li kienu qed jattendu klijenti oħra u għalhekk ma setgħux jagħtu kasu u ħa fwieħa mill-iskaffa ta' quddiem il-bieb. Milli setgħet tiftakar, ir-raġel li rat fil-filmat ma kellux xahar u ma kienx liebes nuċċali, kellu basket f'idejh u kien liebes qalziet. Qalet li meta reġa mar lura kienet għarfitu u marret tiġri warajh, u kienet ċemplet lil Cassano biex tgħidilha li kien reġa mar. Qalet li hi kienet pruvat twaqqfu iżda hi ma kinitx b'saħħitha daqsu u telaq jiġri. Żiedet li dakinhar ma kien irnexxilu jisraq xejn peress li kienet laħqet għariftu kif daħal. Ix-xhud għarfet lill-imputat fl-awla.

**In kontro-eżami** ikkonfermat li hi kienet indunat li l-fwieħa kienet nieqsa għall-ħabta ta' 17:20 – 17:25.

**Ikkonsidrat;**

<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat b'serq sempliċi għad-detriment ta' Scentoniq Ltd li seħħ fl-20 ta' Settembru 2023 bejn il-ħamsa u t-tmienja ta' filgħaxija (17:00 – 20:00). Il-prosekuzzjoni tallega illi dakinhar l-imputat daħal f'dan

il-ħanut, li jinsab fl-indirizz 110, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, ħa flixkun tal-fwieħa tad-ditta *Fragrance du Bois* minn xkaffa quddiem il-bieb ta' barra tal-ħanut u telaq bih.

Id-difiża targumenta li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni peress illi s-*Sales Assistant* li kienet fil-ħanut dakinhar, u ċioe Aydalai Yohara Obregon Medina qalet illi hija indunat li l-fwieħa kienet nieqsa għal ħabta tal-ħamsa u għoxrin jew ħamsa u nofs neqsin ħamsa ta' filgħaxija (17:20 – 17:25) mentri l-ħin indikat fir-rapport tal-espert Jonathan Mizzi huwa tas-sitta u nofs neqsin erba` minuti ta' filgħaxija (18:24), u għalhekk it-teżi tal-prosekuzzjoni hija mpossibli. Id-difiża in oltre targumenta illi jekk wieħed jgħodd il-flixkien tal-fwieħa li jidhru fil-filmat tas-sigurta jinduna illi n-numru baqa' l-istess u għalhekk ma jistax ikun li verament insterqet xi fwieħa.

Wara li rat ir-rapport tal-espert maħtur mill-Qorti Jonathan Mizzi, kif ukoll il-filmat tas-sigurta in kwistjoni, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tinsab pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. F'dan il-filmat, u r-rapport korrispondenti, l-imputat jidher ċar u jingħaraf minn wiċċu, u jidher ċarament jieħu oġġett u jpoġġih fil-basket li kien qed iżomm u jitlaq il-barra bih. Il-fatt illi x-xhud Obregon Medina indikat ħin differenti minn dak li jdher fit-*timestamp* tal-filmat, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax iwassal sabiex l-imputat jiġi liberat minn din l-akkuża. Il-filmat tas-sigurta jagħti *timestamp* ċara tad-data u l-ħin meta l-imputat seraq mill-ħanut Scentoniq, u dawn id-data u l-ħin jidħlu nettament entro l-parametri temporali ta' din l-akkuża u ċioe "l-20 ta' Settembru 2023 bejn il-ħamsa u t-tmienja ta' filgħaxija (17:00 – 20:00). Mid-dokument immarkat bħala DOK MC1, preżentat bil-ġurament minn Maria Cassano, imbagħad jirriżulta li l-fwieħa misruqa mill-imputat u ċioe "*Fragrance du Bois New York Intense Parfum 100ml*" għandha valur ta' €200.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tinsab suffiċjentement pruvata.

<u>It-Tieni Imputazzjoni u t-Tielet Imputazzjoni</u>
Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qiegħed jiġi akkużat, rispettivament, b'serq kwalifikat bil-mezz, lok, ħin u valur u ħsara volontarja li tammonta għal aktar minn €250 iżda mhux aktar minn €2,500, a detriment ta' Anglu Agius.

Il-prosekuzzjoni argumentat illi dawn l-imputazzjonijiet jirriżultaw ampjament mill-provi għaliex il-filmat tas-sigurta li ġie esebit juri persuna ħierġa mit-tieqa tal-proprjeta ta' Agius (fond numru 37) u dieħla mill-bieb ta' proprjeta li rriżulta li dak iż-żmien kienet ir-residenza tal-imputat (fond numru 36) għaliex kien qiegħed joqgħod ma' missieru, u peress li missieru ma setax joħroġ mid-dar u peress li ma sar l-ebda rapport ta' zgass fir-rigward tal-fond numru 36 allura bilfors li huwa l-imputat li jidher fil-filmati. Il-

prosekuzzjoni għamlet referenza wkoll għax-xhieda ta' Anglu Agius li kkonferma l-ħsara li huwa sofra fil-proprjeta tiegħu u li tirriżulta mid-dokumenti a *fol 49 u 50.*

Minn naħa tagħha d-difiża targumenta li fl-atti m'hemmx biżżejjed provi sabiex l-imputat jinstab ħati ta' dawn l-akkużi. Tagħmel referenza għall-istampi meħuda mill-filmat tas-sigurta, li huma *black and white* peress li kien id-dlam, u għalhekk ma jintgħaraf ħadd fihom. Id-difiża targumenta li dak kollu argumentat mill-prosekuzzjoni dwar il-mod kif saret is-serqa ma jirriżultax mill-istampi li jifformaw parti mir-rapport tal-espert maħtur mill-Qorti Jonathan Mizzi, u li ġaladarba minn dawn l-istampi ma jidher xejn allura kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib prova li dakinhar tas-serqa l-imputat kien fid-dar tiegħu, ossia ta' missieru. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni id-difiża tikkontendi li ma tressqitx prova suffiċjenti peress li l-prova ssir billi jew il-Qorti tkun kapaċi tivvaluta hi l-oġġett, jew il-vittma jgħid kemm effettivament ħallas jew jitqabbad perit, għaliex stima mhijiex biżżejjed.

Huwa minnu illi in atti m'hemm l-ebda prova diretta li turi li kien l-imputat li sgassa l-bieb tal-bitħa interna ta' Anglu Agius u seraq l-għodda li kien hemm. Dan ikkonsidrat li l-persuna li tidher fil-filmati tas-sigurta mhijiex identifikabbli, u lanqas ma nstabet ir-*res furtiva* fil-pussess tal-imputat. Illi pero fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jistax awtomatikament iwassal għall-liberatorja tal-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet fuq nuqqas ta' provi, għaliex sejbien ta' ħtija jista' jkun ibbażat ukoll fuq provi ċirkostanzjali jekk dawn fl-assjem tagħhom ikunu biżżejjed sabiex iwasslu lil ġudikant għall-konviċiment morali lil hinn minn kull dubbju raġonevoli li l-imputat filfatt ikkomettta ir-reati li bihom jinsab akkużat. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Micheal Ellul Vincenti** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Ottubru 2013:

> "Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika

> wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."

Fuq l-istess linja ta' ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios** deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013 intqal illi:

> "*It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive*."

Fil-każ odjern fil-filmat immarkat bħala JB1 tidher persuna taqbeż minn tieqa tal-fond bin-numru 37, li huwa proprjeta ta' Anglu Agius. Għalkemm il-persuna ma tingħarafx, jidher pero li l-persuna huwa raġel. Huwa imbagħad mar għall-fond eżatt biswit, u daħal ġewwa. Wara dan huwa mar lura lejn it-tieqa tal-fond numru 37 li minnha kien għadu kif qabeż, ħareġ xi oġġetti billi tawwal idejh għal ġot-tieqa, u daħal bihom fil-fond ta' biswit. Dan il-proċess irrepetih xi drabi, sakemm eventwalment ma reġax ħareġ mill-fond biswit dak ta' Agius, li mhuwiex kontestat li huwa l-fond numru 36. Lanqas ma huwa kkontestat li l-imputat kien jgħix f'dan il-fond flimkien ma' missieru.

Jirriżulta wkoll li la missier l-imputat u lanqas l-imputat ma kienu rraportaw li kellhom xi zgass fid-dar tagħhom. Lanqas ma huwa kkontestat mid-difiża li l-unika persuni li kellhom aċċess għal din ir-residenza kienu l-imputat u missieru, u li missier l-imputat ma tantx kien joħroġ mid-dar. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa wkoll partikolarment relevanti l-fatt li l-persuna li tidher qed iġorr l-oġġetti mill-fond numru 37 għal dak numru 36 baqgħet fil-fond numru 36 meta kienet lestiet iġorr, li allura jkompli jikkonferma l-ipoteżi tal-prosekuzzjoni li dan il-persuna kien filfatt joqgħod fil-fond numru 36.

Fir-rigward tal-argument tad-difiża li l-prosekuzzjoni kellha ġġib prova li l-imputat effettivament kien id-dar dakinhar, il-Qorti tosserva li kif ingħad fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, il-grad rikjest fil-kamp penali, għalkemm oneruż ferm, mhuwiex ta' ċertezza assoluta. Il-prosekuzzjoni hija meħtieġa li tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa l-persuna li kkommetta r-reati addebitati lilu. Għalhekk l-ipoteżi tal-prosekuzzjoni mhijiex meħtieġa li tkun l-unika ipoteżi li tista' tintlaħaq fil-każ, iżda trid tkun l-unika waħda li twassal għal ħtija tal-imputat b'mod raġonevoli. Ikkonsidrat li ma sar l-ebda rapport ta' zgass mill-imputat u missieru fir-residenza tagħhom, u kkonsidrat

li l-ebda zgass ma ġie innutat meta l-pulizija marru jagħmlu tfittxija f'din ir-residenza, l-unika konklużjoni raġonevoli hija li l-persuna li tidher tidħol f'din ir-residenza fil-filmat kellha aċċess għaliha. Dan aktar u aktar ikkonsidrat li l-persuna imbagħad ma telqitx minn dan il-fond, li flimkien mal-fatt tal-aċċess għal fond, iwassal għal konklużjoni raġonevoli li din il-persuna kienet toqgħod hemm. Jirriżulta mbagħad li f'dan il-fond kienu joqgħodu l-imputat u missieru, u li huwa mpossibli li huwa missier l-imputat li jidher fil-filmati. Għaldaqstant il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li kien l-imputat li kkommetta s-serqa mertu tat-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tal-kwalifiki addebitati, il-Qorti tosserva li l-kwalifika tal-mezz tirriżulta peress li jirriżulta li ġie żgassat il-bieb tal-bitħa nterna tal-fond proprjeta ta' Agius sabiex setgħet issir is-serqa, li skont l-artikolu 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jidħol entro t-tifsira ta' "ksur" imsemmija fl-artikolu 263(a). Il-kwalifika tal-lok tirriżulta peress li s-serqa saret minn dar ta' abitazzjoni ai termini tal-artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kwalifika tal-ħin tirriżulta mbagħad peress illi s-serqa seħħet bil-lejl. Il-Qorti tqis pero li l-kwalifika tal-valur ma tirriżultax. Fir-rigward tal-valur tal-oġġetti ġiet prodotta biss stima effettivament *ex parte*, li lanqas biss hija kkonfermata bil-ġurament ta' min iffirmaha. Din żgur li ma tistax titqies bħala l-aħjar prova tal-valur tal-oġġetti misruqa u għaldaqstant il-kwalifika tal-valur ma tirriżultax sal-grad rikjest mill-ligi.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, jirriżulta mix-xhieda ta' Anglu Agius illi l-bieb tal-bitħa nterna li ġie sgassat kellu l-firolli ta' fuq u ta' isfel mgħawwġin u s-serratura kienet iġġamjata għall-kollox, tant li kellu jimbarrah. M'hemmx dubju li din il-ħsara saret volontarjament, sabiex l-imputat ikun jista' jidħol ġewwa l-fond proprjeta ta' Agius. Fir-rigward imbagħad tal-*quantum* tal-ħsara li saret, il-prosekuzzjoni produċiet biss żewġ stimi, kif jidher minn DOK AA1 a *fol* 87 u 58. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003 fejn intqal hekk:

> "It-tieni aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kagunata fil-vettura tal-Gvern. L-appellant ghandu, in parti, ragun. L-istima maghmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fissubartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata lhsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-

> fehma tieghu dwar lammont tal-hsara. F’dan il-kaz ma tqabbad ebda perit. Luniku ammont li jista’ jigi minn din il-Qorti accettat bhala hsara kagunata fil-vettura huwa dak ta Lm31 ghax effettivament dana l-ammont thallas mid-Dipartiment koncernat biex inxtrat mera gdida minflok dik miksura (ara d-deposizzjoni ta’ Paul Borg, fol. 44). Dana l-ammont ipoggi r-reat ipotizzat fil-paragrafu (c) ta’ l-Artikolu 325(1) u mhux, kif indikat fl-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fil-paragrafu (b).”

Il-Qorti m’għandha l-ebda raġuni valida sabiex ma tabbraċjax dan l-insenjament u għalhekk qed tagħmlu tagħha. Dan ma jfissirx pero illi l-imputat għandu jiġi liberat minn din l-imputazzjoni. Wara kollox il-paragrafi (a) sa (d) jistabilixxu biss l-iskala tal-piena skont il-*quantum* tal-ħsara li tkun seħħet. Għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati taħt l-artikolu 325(1)(d) minflok taħt l-artikolu 325(1)(b) kif addebitat mill-prosekuzzjoni, ladarba dak il-paragrafu jipprospetta piena inqas u għaldaqstant għandu jitqies li huwa magħdud u kompriż fit-tielet imputazzjoni.

<u>Ir-Raba` Imputazzjoni</u>

Permezz ta’ din l-imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli naqas li jħares xi waħda jew iżjed mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-18 ta’ Mejju 2020, hekk kif sussegwentement varjat, billi kkommetta reati ta’ natura volontarja.

Il-prosekuzzjoni preżentat vera kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest mogħti fl-atti tal-kawża numru 26/2020 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Allister Camilleri fit-18 ta’ Mejju 2020, u vera kopja tad-digrieti sussegwenti li emendaw dawn il-kundizzjonijiet. M’hemmx dubju li dawn id-digrieti jirreferu għall-imputat ikkonsidrat li l-identita ġiet ikkonfermata mill-Ispettur Lydon Zammit, li huwa l-uffiċjal prosekutur f’dawk il-proċeduri. L-Ispettur Lydon Zammit ikkonferma wkoll illi fiż-żmien relevanti dik il-kawża kienet għadha pendenti u għalhekk il-kundizzjonijiet kienu għadhom in vigore. Għaldaqstant, in vista ta’ dan, u in vista tal-fatt li l-imputat qiegħed jinstab ħati li kkommetta r-reat ta’ serq fiż-żmien meta kien marbut bl-imsemmija kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ġiet suffiċjentement pruvata.

<u>Il-Ħames Imputazzjoni</u>

Fir-rigward tal-addebitu tar-reċediva l-prosekuzzjoni preżentat żewġ sentenzi, u ċioe waħda mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta’ Lulju 2020 u oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta’ Marzu 2020. In atti tirriżulta wkoll konferma illi ma sar l-ebda appell minn dawn is-sentenzi u allura huma *res judicata* għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Fis-sentenza datata 30 ta' Lulju 2020 l-imputat kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien għaxar xhur, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant huwa applikabbli dak dispost fl-Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun,minbarra –
>
> (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u
>
> (b) (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jewkull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuqdak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:
>
> Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il senaetà fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kifhawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija."

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004 fejn ġie kkonsidrat hekk dwar dan il-punt:

> "…l-appellat gie addebitat b'recidiva dwar sentenza li permezz taghha huwa kien tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Ghalhekk, QATT MA SETA' JIGI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EZEKUTTIVA BIR-RECIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija recidiva "jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' lartikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:
>
> […]
>
> Il-kaz odjern ma jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva."

Għaldaqstant, b'applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sentenza tat-30 ta' Lulju 2020 ma tistax titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward imbagħad tas-sentenza datata 5 ta' Marzu 2020 jirriżulta minn qari ta' din is-sentenza li l-imputat instab ħati biss tal-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Pero, filwaqt illi l-imputat jitqies bħala reċediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 50 mhuwiex applikabbli fil-każ odjern. Dan għaliex l-artikolu 50 japplika biss fir-rigward ta' "persuna ikkundannata għal **delitt**" li "tagħmel **delitt ieħor**" fi żmien stipulat fil-liġi. F'dan il-każ l-imputat ma ġiex ikundannat għal delitt permezz tas-sentenza tal-5 ta' Marzu 2020 u għalhekk l-effetti tar-reċediva ikkontemplati fl-artikolu 50 mhumiex applikabbli.

Għaldaqstant, filwaqt li l-imputat qiegħed jinstab ħati tal-addebitu tar-reċediva fir-rigward tas-sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, peress illi dan is-sejbien ta' ħtija kien jitratta kontravenzjoni u mhux delitt il-Qorti mhijiex sejra tapplika l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali meta tiġi biex teroga l-piena.

Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Fir-rigward tal-piena il-prosekuzzjoni argumentat illi l-imputat għandu jingħata piena ta' priġunerija effettiva, li m'għandhiex tkun fil-minimum, sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat huwa reċediv. Il-prosekuzzjoni tenniet it-talba tagħha għall-ħruġ ta' ordni ta' trażżin favur Angelo Agius, u għal ordni ta' ħlas lura lill-vittmi u l-ħlas tal-esperti maħtura mill-Qorti f'dan il-każ. Id-difiża ma għamlet l-ebda sottomissjoni fir-rigward tal-piena.

Dwar l-għan tal-piena inflitta fi proċeduri penali il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk Maalem Abderrahmane Lazhari Zamouche** deċiża fit-22 ta' Ottubru 2019 fejn intqal hekk:

> "Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:
> (a)Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' taghha.
>
> L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f' mohh is-soċjeta, b' mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti

reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-aspett preventiv ghalhekk huwa dupliċi: wiehed ta' natura ġenerali u l-iehor ta 'natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-sahha tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minhabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerġa jahsibha sew qabel ma jaghżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minhabba li l-Liġi penali tibda 'titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġieghel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu ghax jekk jiddelinkwu minghajr konsegwenza jew b' konsegwenza żghira, isir konvenjenti ghall-membri fi hdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura tehtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi mehtieġ ghall-eżistenza paċifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija speċifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali ghas-soċjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn proċess ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-soċjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l-ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mghejjun itejjeb l-imġieba tieghu b' mod li ghalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b' eghmilu F' dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikaċja repressiva."

Il-Qorti tosserva illi għalkemm huwa minnu li l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-addebitu tar-reċediva minħabba r-raġunijiet spjegati aktar il-fuq f'din is-sentenza, għal dak li jirrigwarda l-ikkalibrar tal-piena li għandha tiġi inflitta fuq l-imputat il-fedina penali hija suffiċjenti. Mill-atti jirriżulta li l-imputat għandu fedina penali sostanzjali li turi l-karattru refrettarju tiegħu, u jirriżulta minn din il-fedina penali li l-imputat ġie misjub ħati tar-reat ta' serq kwalifikat diversi drabi. Il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll

għall-finijiet tal-ikkalibrar ta' piena l-fatt li l-imputat ma jidher li għamel l-ebda sforz versu r-riabilitazzjoni tiegħu fil-mori tal-kawża.

Kif ingħad, il-Qorti mhijiex ser tkun qed tapplika l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-erograr tal-piena peress illi l-unika sentenza preżentata mill-prosekuzzjoni li tipprova l-addebitu tar-reċediva tirrigwarda sejbien ta' ħtija fuq offiża kontravenzjonali. Lanqas ma jista jiġi applikat l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi s-sejbien ta' ħtija preċedenti fuq akkużi ta' serq ma jirriżultawx minn sentenzi li ġew ikkonfermati mir-Reġistratur tal-Qorti li huma finali iżda biss mill-fedina penali tal-imputat.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 278(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena kontemplata fil-liġi għar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni huwa dak ta' ħames xhur sa tliet snin priġunerija, u b'applikazzjoni tar-regola kontemplata fl-artikolu 278(3) din il-piena għandha tiżdied bi grad u m'għandhiex tingħata fil-minimum tagħha. Minn dan isegwi wkoll għalhekk illi l-piena għar-rigward ta' din l-imputazzjoni trid tiġi komputata b'tali mod li tkun tinkludi minn tal-inqas terz tad-differenza bejn il-piena minima u l-piena massima stabbilita mill-liġi. Il-Qorti tqis illi, in vista ta' dak appena kkonsidrat fil-paragrafu preċedenti, il-piena m'għandhiex tiġi erogata fil-minimu permess mill-liġi fiċ-ċirkostanzi.

Tenut kont dan kollu, il-Qorti tqis li piena ta' priġunerija ta' sentejn effettivi hija l-iktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Skont l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti għandha wkoll tordna l-konfiska, *in toto* jew *in parte* tal-ammont stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fit-18 ta' Mejju 2020. Jirriżulta li l-garanzija personali imposta fuq l-imputat f'dak id-digriet kienet fis-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000). Ikkonsidrat l-oġġetti misruqa u n-natura tal-każ il-Qorti ma tqisx illi għandha tordna l-konfiska tal-ammont sħiħ tal-garanzija għaliex fil-fehma tagħha il-konfiska tas-somma €20,000 fl-intier tagħha ma tkunx proporzjonali maċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-fehma tal-Qorti il-konfiska tas-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) tkun proporzjonali maċ-ċirkostanzi tal-każ, ir-reati kommessi mill-imputat waqt li kien qiegħed igawdi mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u l-karattru refrattarju tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 284, 285, 261(b), (e), u (f), 263, 269, 270, 278(3), 325(1)(d), u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

i. Issib lill-imputat ħati tal-ewwel u r-raba` imputazzjoni kif dedotti;
ii. Issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni iżda mhux tal-kwalifika ta' valur u konsegwentement tilliberah minn dik il-kwalifika;
iii. Issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni iżda limitatament ai termini tal-artikolu 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
iv. Issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni limitatament fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Marzu 2020.

U tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sentejn, li minnhom għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest' elef ewro (€5000) mill-garanzija personali ta' għoxrin elf ewro (€20,000) imposta fuq l-imputat għall-finijiet ta' Ħelsien mill-Arrest bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit, data 18 ta' Mejju 2020.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fit-18 ta' Mejju 2020, kif ukoll ta' kull Digriet ta' varjazzjoni għal tali Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest, u tordna l-arrest mill-ġdid b'effett immedjat tal-imputat.

Peress li ma tressqitx prova suffiċjenti skont il-liġi dwar il-valur tad-dannu subit minn Angelo Agius il-Qorti tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi tilqa' l-istess talba fir-rigward ta' Scentoniq Limited u tordna lill-imputat sabiex iħallas lil Scentoniq Ltd (C100970) is-somma ta' mitejn ewro (€200) fi żmien xahar mill-llum.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas is-somma komplessiva ta' erba` mija u ħdax-il ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€411.54) rappreżentanti l-ispejjeż konessi mal-inkarigu mogħti lill-espert Jonathan Mizzi.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tilqa` t-talba tal-prosekuzzjoni u tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Angelo Agius kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda

ssir għal perjodu ta' ħames snin. Il-Qorti spjegat lill-ħati l-effett tal-Ordni ta' Trażżin u l-konsegwenzi legali jekk ma jikkonformax ruħu miegħu.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur